KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 20**

**It-Tlieta, 9 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Perit Carmel Cacopardo | Konsulent fuq il-bord tal-Freeport (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**20.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**20.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar fil-familja. Il-Kunsill ħa vot fuq din it-talba.

**Favur** 3 **Kontra** 2

Din it-talba ġiet aċċettata.

**20.01.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**20.01.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Rohasia Zammit infurmawna li se jkunu qed jidħlu tard.

**20.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 18 u 19)**

*Hawnhekk ingħaqdet il-Viċi Sindku Josette Busuttil.*

**20.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 18 u 19.

**20.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-minuti ta' seduta 18 ġew approvati unanimament.

**20.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Darren Mark Debono l-minuti ta' seduta 19 ġew approvati unanimament.

**20.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**20.03.01** *5 arbli bis-solar lamps għal Triq Tal-Papa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal 5 arbli bis-solar lamps għal Triq Tal-Papa. Il-kwotazzjoni miġbura hija mingħand il-kuntrattur tad-dawl li jaħdem bih il-Kunsill. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €9,841.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**20.03.02** *Wires għall-internet fil-binja tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fl-aħħar xhur saret sistema tad-dawl ġdida u fadal il-proċess li jingħadda l-internet cable mill-ġdid. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €1,040. Il-Kunsillier Karel Zahra intervjena billi qal li qed jara li hemm ammont twil ta' cable paragun mad-distanza li hemm bżonn u għalhekk ħa jiġi jiswa ħafna flus. Din il-kwotazzjoni se tinżamm pendenti sabiex niċċekkjaw mal-konsulent tal-IT u jagħtina spjegazzjoni iktar dettaljata.

**20.03.03** *Bieb għat-tieni sular tal-binja amministrattiva*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li kkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dwar il-bżonn ta' kontinwazzjoni ta' bibien fit-tieni sular tal-binja amministrattiva. Huwa semma li nġabret kwotazzjoni mingħand l-istess supplier li xtrajna l-bibien tal-kumplament tal-binja sabiex dan jikkumplimenta lill-bibien l-oħra. Din tammonta għal €615. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**20.03.04** *2 mobile CCTV cameras*: Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li, hekk kif ġie maqbul fis-seduti preċedenti, se jinxtraw 2 mobile CCTV cameras biex ikunu ta' deterrent għall-ħmieġ li qed jitħalla fil-lokalità. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €1,078.47. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**20.03.05** *30 munita 3D printed u kaxxi rispettivi għar-rikonoxximenti ta' Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li billi għal jum ir-raħal se jkun hemm numru ta' nies li se jirċievu rikonoxximent bħala grupp, se jinħadmu muniti 3D printed sabiex jingħataw lil kull membru. Inġabru 2 kwotazzjonijiet, billi t-tielet supplier ma taniex risposta, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €208.86. Ġie deċiż li nżidu n-numru ta' muniti għal 40 sabiex tingħata waħda lil kull kunsillier bħala tifkira. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 20.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

*Hawnhekk il-Perit Carmel Cacopardo pparteċipa online.*

**20.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Perit Carmel Cacopardo sabiex jagħti spjegazzjoni dwar il-laqgħa tal-EMC. Il-Perit Carmel Cacopardo spjega li informazzjoni s'issa ma hemm kważi xejn, u kulma hemm hija l-formola tal-applikazzjoni, pjanti u numru ta' riżultati kimiċi. Spjega li s-segretarju tal-EMC qallu li għadhom fil-bidu biex jippreparaw ir-renewed permit. Il-probabbiltà kbira hija li dan se jkun bħal tas-snin ta' qabel, però jkollu żewġ differenzi: trid tiżdied il-parti l-ġdida li għadha kif tinbena issa, billi l-area operattiva tal-Freeport se tkun ikbar milli kienet, u t-tieni għad iridu jaġġornaw il-parti tal-improvement programme sabiex jiġu kkunsidrati l-affarijiet li għadhom ma sarux. Il-Perit Carmel Cacopardo semma li fil-laqgħa li jmiss tal-EMC se jkollna l-ewwel draft record ġdid tal-istorbju li qed isir mill-Freeport, li kull tant snin jaġġorna ruħu. Huwa se jħejji draft tal-permess il-ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li niktbu lil ERA sabiex jispjegawlna l-proċess ta' kif se tkun qed taħdem il-konsultazzjoni pubblika u l-perit ikompli bix-xogħol biex jiġbor id-dokumenti għas-sottomissjoni f'isem il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jikteb lil ERA biex jistaqsi dwar il-proċess il-ġdid u se jingħata ċans sa nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru. Nhar is-17 ta' Settembru fil-17:30 se ssir laqgħa online sabiex iduru d-dokument attwali.

**20.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġejna avviċinati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ARUC, li hija l-awtorità responsabbli mill-kannabis, se jkunu qed jagħmlu tabelli f'postijiet pubbliċi fosthom il-Bajja s-Sabiħa u Wied il-Buni sabiex jinnotifikaw lin-nies fuq l-użu responsabbli tal-kannabis b'mod speċjali f'postijiet pubbliċi.

**20.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra attendew għal laqgħa mal-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea rigward il-carrying capacity li se nagħmlu bħala Kunsill, fejn Dr Borg Galea ħejja draft plan li jinkludi 3 fażijiet: mapping of development and planning restrictions, li jinkludi il-PC applications, u zoning tal-Qajjenza u ċ-ċentru. Dan se jara l-postijiet li hemm żviluppati u ż-żona vakanti li għad trid tiġi żviluppata biex minn hemmhekk navviċinaw l-awtoritajiet sabiex jgħidulna liema jkunu tal-gvern u liema huma tal-privat.

**20.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Viċi Sindku Josette Busuttil u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat attendew għal laqgħa ma' servizz.gov biex ikunu

jistgħu jaraw il-possibbiltà li jiġi offrut dan is-servizz mil-lokalità. Dawn tal-aħħar għandhom jikkomunikaw magħna fil-jiem li ġejjin.

**20.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar jiem fuq l-aħbarijiet ħarġet l-aħbar li l-Kunsilli se jibdew jintużaw għat-tiġdid tal-karti tal-identità. Rappreżentanti minn din l-entità qed iduru l-Kunsilli sabiex jaraw fejn hemm l-aktar bżonn li jinbidlu karti tal-identità. F'Birżebbuġa dan is-servizz se jibda jingħata mis-sena d-dieħla.

**20.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fis-seduti preċedenti kien semma li waqt Festa Bengħajsa, li se sseħħ fit-3 ta' Mejju 2026, se ssir xandira fuq il-PBS però xi ftit tal-jiem ilu l-Kunsill ġie mgħarraf li aktarx din mhux se ssir billi biddlu d-data min-naħa tax-xandir.

**20.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana jagħti aġġornament dwar il-laqgħa mal-WSC rigward ix-xogħlijiet fuq is-sistema tad-drenaġġ. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-laqgħa saret mas-CEO u l-project manager fuq it-tkomplija tax-xatt. Semma li l-pjan huwa li x-xogħol jitkompla fil-bidu t'Ottubru. Fil-laqgħa huwa spjegalhom li l-Kunsill mhuwiex ser jaċċetta li tingħalaq il-wisa' kollha tax-xatt bħalma ġara l-aħħar darba. Il-Kunsillier Alex Caruana semma wkoll li f'din il-laqgħa ġie suġġerit li, biex jevitaw li jġiegħlu lill-operaturi tar-restoranti jneħħu il-gazebos u l-imwejjed u s-siġġijiet, il-main jiġi mgħoddi fuq il-bankina minn wara t-Teatru Grieg. Jekk xi operatur ikun irid iqabbad mal-main, dan irid jiftaħ it-triq għall-ispejjeż tiegħu. Hawnhekk il-Kunsill oġġezzjona u saħaq li mhux ġust li jinqala' l-paviment sabiex ma jitneħħewx l-imwejjed u s-siġġijiet, li dwarhom intbagħtu diversi rapporti tal-illegalitajiet. Se nkunu qed nibagħtu email uffiċjali b'dan kollu lis-CEO tal-WSC sabiex jgħaddi kollox mit-triq kif deċiż mill-Kunsill.

**20.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol fuq il-water culverts fi Triq Tal-Ġebel għaddej ġmielu. Dan ix-xogħol huwa mistenni li jiġi fi tmiemu fil-ġimgħat li ġejjin.

**20.04.09** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jagħti aġġornament fuq il-master plan tal-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech semma li trid issir laqgħa fuq il-post mar-risk assessor u tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Novembru.

## 20.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

*Hawnhekk ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**20.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-bankina f'Ħal Far. Huwa semma li fis-seduta numru 16 ta' Ġunju li għadda kien staqsa dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq Ħal Far, kantuniera ma' Triq Tal-Ġebel. Huwa semma li għalkemm fl-aħħar xhur sar xi xogħol f'din il-kantuniera u issa jidher li hemm passaġġ, aktar 'il fuq lejn il-barracks għad hemm trench work li ilu hemm għal bosta xhur. Il-Kunsillier Karel Zahra xtaq ikun jaf x'inhu jsir u għaliex dan ix-xogħol għadu għaddej. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill informa lil IM biex tibgħat spjegazzjoni għal xiex ix-xogħol jinsab wieqaf.

**20.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-bus stop fi Triq San Patrizju. Huwa semma li dan il-bus stop li jinsab eżatt ħdejn bini li jidher li għandu problemi strutturali u ilu hekk għal diversi xhur/snin bil-hoarding quddiemu. Dan qed joħloq riskju għan-nies li qed jintefgħu taħtu għad-dell. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax itella'

din il-problema quddiem l-awtoritajiet konċernati sabiex jitnaqqas il-periklu u tiġi mċaqalqa l-waqfa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li huwa importanti li l-kunsillier inkarigat jidħol f'din il-kwistjoni. Huwa ssuġġerixxa li nibagħtu lil MPT sabiex nitolbuhom jagħmlu assessjar ta' dik il-waqfa ħalli jkunu jistgħu jissuġġerixxu post aħjar minħabba l-periklu.

**20.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar tal-linja wiqfin fi Triq il-Port Hieles. Huwa semma li minn żmien għal żmien karozzi tal-linja qed jieqfu fi Triq il-Port Hieles ma' Triq is-Sebħ u qed joħolqu numru ta' inkonvenjenti għar-residenti tal-post. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jikkuntattja lil TM sabiex dawn il-karozzi jibdew jieqfu fit-terminus l-antik f'Misraħ is-Summit, anke jekk dan ifisser li fejn hemm bżonn jiġu mċaqalqa affarijiet bħall-magna tal-BCRS li ġiet impoġġija hemm. F'dan il-post ix-xufiera jkollhom aktar faċilitajiet u jkun inqas ta' problema għar-residenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li saret korrispondenza ma' TM u MPT sabiex tal-linja terġa' tibda topera mill-venda. Fil-proċess intalab biex titneħħa l-gabbana li hemm preżenti. Apparti dan, issuġġerixxa li titmexxa l-magna tal-BCRS għal post aktar sikur fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni.

**20.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ir-rotta 82A. Huwa semma li din ir-rotta ilha ma topera għal xahrejn sħaħ u għalkemm jaf li l-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata mill-aktar fis, huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax ikollu aġġornament ta' fejn waslu d-diskussjonijiet relatati. Xtaq ikun jaf ukoll jekk il-Kunsill preżentax alternattivi oħra, bħalma huma rotot differenti (minbarra dik li tgħaddi minn Ħal Far u li ma ġietx milqugħa) jew jekk ġiex ikkunsidrat li jitnieda s-servizz ta' mini van biex iwassal lir-residenti ta' din iż-żona sa waqfiet oħra. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li skont korrispondenza li għandu l-Kunsill ma' IM jidher li fil-qrib se jagħmlu l-intervent fi Triq il-Port Hieles.

**20.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ix-xogħlijiet tal-Enemalta. Huwa semma li fis-seduta ta' Lulju li għadda kien staqsa dwar ix-xogħol insodisfaċenti li ħallew warajhom numru ta' kuntratturi mqabbda mill-Enemalta. Għalkemm xi affarijiet ġew irranġati, baqa' ħafna xi jsir u dan mhuwiex ġust li n-nies ta' Birżebbuġa se jibqgħu b'xogħol ħażin sa ma terġa' ssir il-Bajja s-Sabiħa (fosthom xogħol ta' tarmak ħażin u bankini fejn kien hemm pavimentar sabiħ u li issa sar ta' malajr). Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jerġa' jkellem lill-awtoritajiet konċernati biex dawn in-nuqqasijiet jiġu rranġati. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din il-kwistjoni daħal fiha l-Kunsillier Alex Caruana u dan qed jikkordina mal-perit.

**20.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-devoluzzjoni ta' spazju miftuħ fi Triq Santa Katarina. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill Lokali jistax jagħti aġġornament dwar id-devoluzzjoni tal-ispazju miftuħ fl-imsemmija triq billi dan ilu pendenti għal aktar minn sena. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li saret diskussjoni mal-perit fil-laqgħa fuq il-proġetti pendenti fejn il-perit qed taħdem fuqha.

**20.05.07** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar aġġornamenti rigward zebra crossings. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar iz-zebra crossing li għadha pendenti u f'liema stadju tal-proċess tinsab, kif ukoll jekk hux possibbli li ssir zebra crossing fi Triq is-Sajjieda. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fi Triq San Ġorġ qed jitnaddfu l-kanali sabiex jeħel id-dawl ġdid u s-Sibt li għadda nfetħu numru ta'

culverts fl-akkwata. Rigward Triq Salvatore Cachia Zammit ġiet infurmata l-perit bħala parti mill-proġetti pendenti. Il-Kunsillier Alex Caruana se jiċċekkja mal-amministrazzjoni dwar iż-zebra crossing ta' Triq is Sajjied, sabiex naraw jekk hemmx approvazzjoni għaliha.

## 20.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**20.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Awwissu 2025. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera fuq ix-xogħlijiet tal-kuntrattur tal-ġonna, ġie deċiż li għal-laqgħa li jmiss jiġi mistieden il-kuntrattur sabiex tinstab soluzzjoni għan-nuqqasijiet li qed ikollu f'xogħlu. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**20.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Kunsill ġie infurmat mill-BOV plc li, b'effett immedjat, il-fergħat kollha qed iwaqqfu gradwalment is-servizz tal-express deposit. Dan is-servizz se jitwaqqaf kompletament fit-22 ta' Novembru 2025. Fil-customer care jsir użu ta' express deposit għall-ħlasijiet ta' ċekkijiet, irċevuti mir-residenti għall-kontijiet/fatturi maħruġa minn diversi entitajiet bħal LESA, l-Awtorità tad-Djar, id-Dipartiment tal-Artijiet, l-MTA, u l-Kunsill innifsu. Minħabba din il-bidla, il-Kunsill qed jintalab biex jibgħat lill-bank talba/riżoluzzjoni tal-Kunsill li tgħid li l-Kunsill hu interessat japplika għal BOV card, l-isem tal-impjegat li fuqu għandha tinħareġ il-BOV card u, l-iktar importanti, li jkun iddikjarat b'mod ċar li din il-card se tkun biss għall-użu ta' depożitu. Il-kunsilliera preżenti approvaw din ir-riżoluzzjoni.

## 20.07 Korrispondenza

**20.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand l-Avukat Dr Ruth Scott, li kitbet għan-nom ta' klijenti tagħha, rigward l-għalqa fi Triq il-Brolli, fejn spjegat li s-sidien ta' din l-għalqa għandhom ir-right of first refusal. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ittra bagħatha lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jinfurmahom biha.

**20.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm korrispondenza għaddejja mal-Għaqda Storja u Kultura li għandna tabelli tal-heritage trail fid-daħla tal-mużew t'Għar Dalam u dik ta' Borġ in-Nadur jinsabu fi stat ħażin u waslu biex jinbidlu. Il-Kunsill qabel li dawn isiru min-naħa tal-Kunsill.

**20.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill bagħat korrispondenza lill-AKL sabiex jintalab l-għalf tal-ħamiem. L-AKL kienet ħarġet din l-iskema snin ilu u mhijiex se tkun qed terġa' toħroġ l-iskema billi m'hemmx finanzi assenjati għaliha. Għalhekk ġie deċiż li tinġieb stima għal sterile feed.

**20.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sa Kylie Cunningham f'isem Aġenzija Sapport sabiex dawn jibdew ibigħu xogħlijiet tal-idejn magħmulin minn persuni b'diżabilità fuq il-monti. Il-qligħ minn dan il-bejgħ se jmur għall-persuni b'diżabilità u mhux għall-aġenzija. Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa hemm lista ta' stennija daqsxejn twila. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jekk il-kappillan ikun se jagħmel stand għall-bejgħ, il-Kunsill għandu jgħin bl-aħjar mod possibbli.

**20.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li tkellem mas-CEO tal-MTA wara li ġew ospitati l-Island Games u fil-ġimgħat li ġejjin se tiġi organizzata l-Youth European Triathlon, ix-xatt għandu bżonn daqsxejn sbuħija u għalhekk talab jekk hemmx lok biex jgħinu fit-tibdil u modernizzazzjoni tal-bankijiet, titjib fid-dawl u l-infrastruttura relatata, kif ukoll manutenzjoni ġenerali tal-ambjent tal-madwar. Huwa semma li l-Awtorità tat-Turiżmu lesta tikkunsidra allokazzjoni finanzjarja lejn proġetti ta' face-lift flimkien mal-Kunsill ta' Birżebbuġa fil-Bajja s-Sabiħa. Ġie deċiż li jsir it-tibjid tal-pavimentar, dawl ta' ħdejn il-bandli, tranġar tal-concrete print tan-naħa tat-Teatru Grieg, bankijiet ġodda, u arranġamenti tal-iskatepark.

**20.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Project Green bagħtu kopja tal-maintenance agreement ta' Ġnien l-Indipendenza. Rigward il-pavimentar li hemm imkisser, fil-jiem li ġejjin il-ħaddiema tal-Kunsill se jkunu qed jagħmlu tranġar temporanju. Rigward is-CCTV se jagħlaq it-tender fil-11 ta' Settembru u se jiġu installati għal Ottubru. Il-moniteraġġ se jkun f'idejhom. Tlestew ix-xogħlijiet fuq il-funtana tal-ilma billi kien hemm xi leakage u issa twaħħal il-madum. Semma wkoll li l-gradi (gates) li se jsiru se jiġu rimborżati minn Project Green hekk kif jiġu sottometti l-kwotazzjonijiet u l-approvazzjoni. Rigward il-kurduna, ix-xogħol se jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill u jiġi rimborżat wara li jiġu sottomessi l-kwotazzjonijiet u l-approvazzjoni.

**20.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-applikazzjoni għall-installazzjoni ta' crash barrier fi Triq il-Qajjenza ġiet approvata minn TM u ġiet mgħoddija lil IM sabiex tiġi implimentata min-naħa tagħhom.

## 20.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**20.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjoni.

## 20.09 Jum Birżebbuġa 2025

**20.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fis-16 ta' Settembru se ssir l-inawgurazzjoni tal-mafkar f'ġieħ il-pumpier Joseph Zammit. Semma li l-inviti ntbagħtu kollha u talab lill-kunsilliera sabiex ikunu preżenti għas-19:00. Rigward l-attività tal-20 ta' Settembru qed tiġi konkluża r-running order u li t-trophies qed jinħadmu. Nhar is-Sibt 13 ta' Settembru fid-09:00 se ssir laqgħa online bejn il-kunsilliera u l-preżentaturi.

## 20.10 Ingaġġ t'uffiċjal amministrattiv

**20.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ftit tal-ġimgħat ilu l-Kunsill ħareġ sejħa għal Uffiċjal Amministrattiv I biex tissostitwixxi lill-persuna li rriżenjat. Wara li din is-sejħa għaddiet mill-proċess kollu stabbilit mir-regoli marbuta mar-riżorsi umani, din ħarġet miftuħa għall-pubbliku inġenerali fejn għaliha applikaw erbatax-il persuna (14). Minn dawn kien hemm tnejn (2) eliġibbli bir-rekwiżiti stabbiliti. Iż-żewġ kandidati li baqa' eliġibbli attendew għall-intervista. Dawn ġew mogħtija numru hekk kif daħlet l-applikazzjoni tagħhom. L-ewwel kandidat li daħal (1) ġab 61% minn 100% waqt l-assessjar fl-intervista. It-tieni kandidata li daħlet (2) ġabet 78% minn 100% waqt l-assessjar fl-intervista. Iż-żewġ kandidati preżentaw il-kondotta u d-dokumenti oriġinali kollha. Ġew evalwati sew u tħejjew diversi domandi lill-kandidati sabiex il-membri jkollhom stampa ċara tal-potenzjal ta' kull kandidat. Wara li saru dawn l-intervisti, il-bord

evalwa sew iż-żewġ persuni, li t-tnejn li huma wrew interess u kienu tajbin. Il-bord qed jirrakkomanda lill-Kunsill sabiex jagħżel lit-tieni kandidata għal din is-sejħa peress li ġabet iżjed marki mill-persuna l-oħra. Jekk għal xi raġuni din ma taċċettax, nimxu għall-ewwel kandidat peress li hu wkoll qabeż il-minimu tal-marki stabbiliti. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din l-għażla.

## 20.11 Attivitajiet u skemi

**20.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fl-20 ta' Settembru se jkun hemm l-attività tal-clean-up fil-Bajja s-Sabiħa. Għal din l-attività l-Kunsill se jieħu ħsieb il-bins u x-xiri tal-pickers.

## 20.12 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**20.12.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**20.12.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**20.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 15 t'Ottubru 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 15 t'Ottubru 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |